VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,721, 18 ta' Settembru, 2026
Taqsima B

A.L. 250 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali". L.S. 364.15.

Emendi ġenerali għall-ordni prinċipali.

2. L-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "f'din ir-regola", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'dan l-artikolu";

(b) il-kelma "tar-regola", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tal-artikolu";

(ċ) il-kelma "fir-regola", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "fl-artikolu";

(d) il-kelma "regola", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "artikolu";

(e) il-kelma "ir-regola", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "l-artikolu";

(f) il-kliem "din ir-regola", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dan l-artikolu".

Iżid artikolu ġdid mal-ordni prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 7 tal-ordni prinċipali għandu jiġi

miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Benefiċċju applikabbli għal ċerti trasferimenti ta' negozju *causa mortis*.
Kap. 364.

8. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, fejn:

(a) tiġi prodotta prova bil-miktub li turi li, qabel il-mewt tiegħu, persuna minn hawn aktar 'il quddiem imsejħa "id-deċedut", kellha intenzjoni ġenwina li tagħmel trasferiment b'titolu gratwitu favur persuni msemmija fl-artikolu 5(2)(e)(i) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*:

Kap. 123.

Iżda fejn tali prova bil-miktub ma tkunx tikkostitwixxi dokument imsemmi fis-subartikolu (3)(b), tali prova għandha tiġi approvata minn persuna msemmija fis-subartikolu (3)(d) f'perjodu li ma jeċċedix tliet mija u ħamsa u sittin (365) jum mill-jum li fih id-deċedut ikun miet;

(b) kieku tali trasferiment kien ġie kompletat immedjatament qabel il-mewt tad-deċedut, it-trasferiment kien jissodisfa l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà preskritti f'dan l-ordni;

(ċ) tali trasferiment ma ġiex kompletat biss minħabba li l-mewt tad-deċedut seħħet qabel l-eżekuzzjoni tal-att pubbliku rilevanti;

(d) mal-mewt tad-deċedut, il-proprjetà li kienet maħsuba li tiġi trasferita ġiet akkwistata *causa mortis* mill-istess persuna li kienet ġiet identifikata fil-prova bil-miktub imsemmija fil-paragrafu (a) bħala d-donatarju intenzjonat ta' tali trasferiment propost; u

(e) tali akkwist ma jkunx impedit, mibdul, ridirett jew affettwat b'xi mod ieħor mid-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe testment jew dispożizzjoni testamentarja oħra jew bl-operat ta' kwalunkwe liġi,

l-akkwist *causa mortis* għandu jkun soġġett għal dazju bir-rata ta' euro u ħamsin ċenteżmu (€1.50) għal kull mitt euro (€100), jew parti minnhom, tal-valur tiegħu:

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5 u 6 għandhom japplikaw ukoll fir-rigward ta' tali akkwisti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss fejn:

(a) id-deċedut ikun miet f'data wara l-31 ta' Diċembru 2025;

(b) it-trasferiment propost b'titolu gratwitu kien *in bona fide* u ma kienx bil-għan li tiġi evitata xi dispożizzjoni tal-liġi;

(ċ) it-trasferiment propost ma ġiex abbandunat, revokat, irtirat jew mibdul materjalment qabel il-mewt tad-deċedut; u

(d) it-trasferiment propost kien, li kieku ma kienx għall-mewt tad-deċedut, jiġi kompletat fil-kors ordinarju tal-avvenimenti.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ir-rekwiżiti tas-subartikoli (1)(a) u (2) jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin, kif applikabbli skont iċ-ċirkostanzi:

(a) kwalunkwe dokumentazzjoni, dikjarazzjoni, avviż, ċertifikazzjoni, konferma jew evidenza oħra meħtieġa jew ikkontemplata taħt dan l-ordni;

(b) kwalunkwe dokument li jkun ġie ffirmat mid-deċedut li jikkostitwixxi wegħda bil-miktub ta' donazzjoni, ftehim, dikjarazzjoni, pjan ta' suċċessjoni, ftehim bejn l-azzjonisti, riżoluzzjoni tal-bord jew strument ieħor bil-miktub li jagħti prova tat-trasferiment propost;

(ċ) prova li kienu ttieħdu passi sostanzjali u dimostrabbli lejn il-kompletazzjoni tat-trasferiment propost;

(d) dikjarazzjoni magħmula taħt ġurament minn avukat bil-warrant, *accountant* pubbliku ċċertifikat, nutar pubbliku jew professjonist ieħor aċċettabbli għall-Kummissarju, li tikkonferma l-fatti u ċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għat-talba:

Iżda fejn jiġu prodotti dokumenti msemmija fil-paragrafi (a) u (ċ), dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (d), liema dikjarazzjoni għandha tagħmel referenza għad-dokumenti msemmija fl-imsemmija paragrafi (a) u (ċ), skont il-każ:

Iżda wkoll il-Kummissarju jista', fuq il-bażi ta' evidenza oġġettiva, jirrifjuta li jaċċetta dokument imsemmi f'dan is-subartikolu meta ma jkunx sodisfatt li tali dokument ikun adegwat sabiex jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-subartikoli (1)(a) u (2).

(4) L-oneru li jiġi ppruvat l-intitolament għall-benefiċċju provdut f'dan l-artikolu għandu jinkombi fuq il-persuna identifikata bħala d-donatarju intenzjonat fl-evidenza dokumentarja msemmija fis-subartikolu (3) u li jitlob ir-rata msemmija fis-subartikolu (1). Fejn il-Kummissarju jkun sodisfatt b'tali intitolament, huwa għandu joħroġ ċertifikat li jikkonferma l-intitolament għall-imsemmi benefiċċju, liema ċertifikat għandu jiġi mehmuż mad-dikjarazzjoni tat-trasferiment *causa mortis* rilevanti mħejjija skont l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Il-Kummissarju jista' jiddetermina tali formola, proċedura, dettall u dokument meħtieġa għall-ħruġ ta' tali ċertifikat.

Kap. 364.

(5) Dan l-artikolu għandu japplika biss fejn il-proprjetà tgħaddi u tiġi akkwistata *causa mortis* mill-istess persuna li kienet ġiet identifikata bħala d-donatarju intenzjonat fl-evidenza dokumentarja msemmija fis-subartikolu (3).

(6) Il-Kummissarju jista' jirrifjuta talba taħt dan l-artikolu fejn ma jkunx sodisfatt, fuq il-bażi ta' evidenza oġġettiva, li t-trasferiment intenzjonat kien jikkwalifika għar-rata mnaqqsa preskritta taħt dan l-ordni kieku dan kien ġie komplut qabel il-mewt tad-deċedut.".